

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni implícita tal-Kummissjoni Ewropea tat-30 ta' April 2021 dwar iċ-ċaħda tat-talba konfermatorja ta' aċċess għal ċerti dokumenti.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 3) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk ta' Hans-Wilhelm Saure marbuta mar-rikors u mat-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.
- 4) H-W. Saure huwa kkundannat għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u għal dawk tal-Kummissjoni marbuta mat-talba għall-adattament tar-rikors.

⁽¹⁾ ĠU C 242, 21.6.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2022 – UNIS vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-431/21) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament – Sigurtà soċjali – Organi responsabbli għall-ġestjoni ta' skemi legali ta' assigurazzjoni għall-mard u ta' assigurazzjoni għax-xjuħija – Fond nazzjonali ta' assigurazzjoni għax-xjuħija – Attività ekonomika – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà”)

(2022/C 207/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) (Lorient, Franza) (rappreżentant: F. Ortega, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin, H. van Vliet, T. Baumé u A. Boitos, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha, ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, li hija organizzazzjoni professjonali rregolata mid-dritt Franċiż u maħluqa fil-21 ta' Frar 2020, titlob l-annullament ta' ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha ddikjarat li hija ma kinitx kompetenti sabiex teżamina l-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrenti fl-ilment tagħha tas-7 ta' April 2021.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 422, 18.10.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2022 – Kalypso Media Group vs EUIPO (COMMANDOS)

(Kawża T-550/21) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2022/C 207/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Kalypso Media Group GmbH (Worms, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Boddien, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Lulju 2021 (Każ R 1864/2020-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali COMMANDOS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Kalypso Media Group GmbH.

(¹) ĠU C 431, 25.10.2021.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2022 – Ecocert India vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-123/22)

(2022/C 207/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ecocert India Pte Ltd (Gurugram, l-Indja) (rappreżentanti: Y. Martinet, D. Todorova u J. Sohm, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 1 flimkien mal-punt 5 tal-Anness I, fir-rigward tal-Indja, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2325 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-lista ta' pajjiżi terzi u l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll li ġew rikonossuti skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-fini tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi fl-Unjoni (¹), sa fejn din id-dispożizzjoni tneħħi lil Ecocert India Private Limited mill-korpi ta' kontroll irrikonossuti li jidhru fil-lista għall-Indja, li huma akkreditati għat-tweqqif ta' kontrolli u ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' spezzjoni li jawtorizzaw ir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea, bħala prodotti organiċi, ta' prodotti importati mill-Indja, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq allegata inkompetenza tal-konvenuta fir-rigward tat-tneħħija mil-lista ta' korpi ta' kontroll Indjani rrikonossuti.
 - Skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 (²), u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 (³), il-konvenuta għandha l-kompetenza li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi rrikonossuti, li hija stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Mandankollu, hija biss l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li tista' takkredita jew tneħħi mil-lista korpi ta' kontroll. Billi neħħiet lir-rikorrenti mil-lista ta' korpi ta' kontroll irrikonossuti, il-konvenuta eċċediet il-limiti tal-kompetenza tagħha u kisret l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrenti bbażat ir-Regolament (UE) 2021/2325, jiġifieri l-Artikolu 3(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 (⁴), ma kinux għadhom dahl fuq fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2022.